MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 6/2006

Anthony u Frances konjugi Refalo

Vs

Roger Xuereb

Il-Qorti,

**Indebiti Solutio – Artikolu 1022 tal-Kodici Civili - L-atturi jsostnu li hallsu iktar mill-ammont li kien misthoqq lill-konvenut ghal xoghol ta' thammil li ghamel fuq inkarigu taghhom u ghalhekk talbu r-rifuzjoni ta' parti mill-ammont imhallas.**

Rat l-avviz tat-talba prezentat fil-31 ta' Mejju 2006 li bih l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' elfejn tlett mija u dsatax-il lira Maltija (Lm2,319)[1], liema somma thallset indebitament ghal xoghol ta' tahmil li sar fuq plot fi Triq l-Imgarr,

[1] Ekwivalenti ghal hamest elef erbgha mija u tlett Euros u sebgha u ghoxrin centezmu (€5,403.27).

Xewkija, Ghawdex. Is-somma dovuta hi in parti ghall-hlas ta’ *dumping fees* mitluba mill-konvenut li qatt ma thallsu u in parti ghal xoghol ta’ tahmil li sar fil-proprjeta’ ta’ terzi minghajr l-inkarigu ta’ l-atturi u li taghhom il-konvenut talab il-hlas.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fil-5 ta’ Lulju 2006 (fol. 8), il-konvenut ikkontesta t-talba in kwantu jsostni li m’huwiex minnu li ottjena xi hlas minghand l-atturi ta’ *dumping fees* li qatt ma thallsu minnu, u x-xoghol ta’ thammil li wettaq sar fuq struzzjonijiet tal-atturi jew tal-bennej jew tal-perit taghhom, u kien mehtieg sabiex l-atturi jkunu jistghu jwettqu l-bini progettat minnhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti u n-noti ta’ sottomissjonijiet li gew skambjati bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

(a) L-atturi huma proprjetarji ta’ porzjon art fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex u riedu jizviluppawha.

(b) L-attrici kienet inkarigat lill-konvenut sabiex ihammel l-art.

(c) Saret applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex il-hamrija tkun tista’ titnehha u tingarr ghall-post iehor. Id-Dipartiment hareg zewg permessi:-

- **16 ta’ Settembru 2005** (fol. 19) fejn l-attur hu dikjarat bhala l-applikant u l-konvenut bhala l-kuntrattur li gie awtorizzat igorr il-hamrija ghal gewwa art li tinsab fin-Nadur, Ghawdex (fol. 20). Din l-art kienet ta’ Guzi Sultana;
- **17 ta’ Ottubru 2005** (fol. 17) fejn l-attur hu dikjarat bhala l-attur u l-konvenut bhala l-kuntrattur li gie awtorizzat igorr il-hamrija ghal gewwa art li tinsab f’Ghajnsielem, Ghawdex (fol. 18). Din l-art kienet ta’ Michaelangelo Ciantar.

(d) Kien il-konvenut li ha hsieb li jinhargu l-permessi mid-Dipartimanet tal-Agrikoltura. Min-naha tal-atturi, kien biss wara li tlesta x-xoghol u sar il-hlas li saru jafu bit-tieni permess.
(e) Il-konvenut hareg kont (datat 14 ta' Novembru 2005 – fol. 46) ghas-somma ta' erbat elef lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm4,000.20) ghax-xoghol ta' thammil li ghamel fl-art ta' l-atturi. L-atturi hallsu din is-somma lill-konvenut permezz ta' cekk datat 15 ta' Novembru 2005 (fol. 48). Min-naha tieghu l-konvenut hareg ricevuta fiskali (fol. 49).
(f) Parti mit-thammil sar fi plot biswit dik ta' l-atturi u proprjeta' ta' Francis Bonello.
(g) Wara li l-konvenut thallas, l-attrici talbet lill-perit Teddie Busuttil sabiex jivverifika l-kont. Minn dan l-ezercizzju rrizulta li l-konvenut kien ghamel il-kalkoli fuq ir-rata ta' Lm2.80 il-jarda kuba. L-atturi jsostnu li r-rata pattwita mal-konvenut kienet ta' Lm1.40 il-jarda kuba, peress li kienu pprovdew l-art alternattiva (dik tan-Nadur) fejn kellha tintefa' l-hamrija. Min-naha tieghu l-konvenut isostni li wara li ttiehdu tmien vjeggi materjal fl-art tan-Nadur, ma setax ikompli jitfa' f'din l-art ghaliex il-materjal kien tafal u l-permess li kien inhareg mid-Dipartiment tal-Agrikoltura kien sabiex fl-art tan-Nadur tintefa' hamrija. Skond l-istess konvenut kien ftehem mal-attrici li fejn il-materjal ma jkunx hamrija, kellu jsib post alternattiv fejn kellu jintefa' l-materjal.
(h) Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu rifuzjoni ta' parti mis-somma mhallsa lill-konvenut in kwantu jsostnu li:-

- Fil-kont mahrug mill-konvenut hemm inkluz *dumping fees* li qatt ma thallsu minnu;
- Hemm xoghol ta' thammil li sar fi proprjeta' ta' terzi (Francis Bonello) minghajr ma kien gie nkarigat mill-atturi sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Dan in kwantu l-atturi qalu li fl-art ta' Francis Bonello kellu jsir thammil f'wisgha ta' zewg piedi, meta fir-realta' sar thammil f'wisgha ta' sitt piedi.

2. Il-kontendenti qeghdin jaqblu li l-azzjoni li qeghdin jaghmlu l-atturi hi dik ta' l-*indebiti solutio*. M'hemmx dubju li l-kawza hi bazata fuq il-kawzali ta' l-indebitu, in kwantu l-

atturi qeghdin jippretendu li l-konvenut ircieva ndebitament flus li ma kellhomx jithallsu lilu. Skond l-Artikolu 1022 tal-Kodici Civili:

*"Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anton Azzopardi et nomine vs Lawrence Ciantar nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, gie citat b'approvazzjoni l-insenjament illi *"il-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq,* ***izda ukoll meta ghalkemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas izzejjed milli kien misthoqq****, u jekk jigri hekk, min thallas jista' jfittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd, jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball u dan l-izball kien di fatto. L-izball di diritto ma jservix biex jintalab bil-jedd dak imradd"*.

L-elementi ta' din it-tip ta' azzjoni huma s-segwenti:

1. Li jkun sar pagament;
2. Li dan il-pagament ma kienx dovut;
3. Li l-pagament ikun sar bi zball.

L-oneru tal-prova qieghed fuq l-atturi. Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' zball, *"Min jircievi l-hlas jista' jaghmel hekk tant xjentement kemm bi zball; izda min ihallas ghandu ta' bilfors ikun fi zball, biex tista' tikkompeti lilu l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' dak li huwa jkun hallas indebitament; u hu evidenti li l-fondament ta' din l-azzjoni huwa l-izball f'min ikun hallas – zball li minnu ma ghandux japprofitta ruhu min ikun ircieva l-hlas. Izda jekk ma ssirx il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkustanzi li mhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas. F'dan il-kaz, min ikun hallas ma jistax jilmenta bir-ragun; u jekk kellu xi dannu 'imputet sibi'"* (**Alfred Tonna et vs Carmela Bugeja et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Frar 1957 – Vol.

XLI.i.76)[2]. Fil-kawza fuq citata, **Anton Azzopardi et nomine vs Lawrence Ciantar nomine et,** il-Qorti ta' l-Appell ghamlet riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza riportata fil-Volum XXIX.ii.453, *"…. illi una volta l-attur dak il-mument stess tan-negozju kien konsapevoli mill-fatt li s-somma mitluba kienet esagerata…. U intant, malgrado din il-konsapevolezza ried jaghti, u, fil-fatt ta, lill-konvenut is-somma (mitluba), allura ma jistax ragonevolment jintqal li hu hallas bi zball; anzi kien jaf li ma jmissux hallas daqshekk u ntant ried ihallas hekk. Cirkostanza li tipprekludi l-ezercizzju ta' l-azzjoni tar-ripetizzjoni ta' l-indebitu" (Vol. XXIX.ii.453)"*.

3. M'hemmx kwistjoni li l-ewwel element, cjoe' li sar pagament, hu sodisfatt. Jifdal ghalhekk li jigu nvestigati z-zewg elementi l-ohra tal-azzjoni, cjoe li:-

**<u>Il-pagament ma kienx dovut</u>**.

F'dan ir-rigward il-kwistjoni tidher li hi dwar jekk il-hlas ghax-xoghol ta' thammil li ghamel il-konvenut kellux jigi kalkolat bir-rata ta' Lm1.40 il-jarda kuba jew Lm2.80 il-jarda kuba. Il-konvenut jitlob l-ewwel rata fil-kaz fejn il-proprjetarju tal-art li tkun ser tithammel jipprovdi post alternattiv fejn jitfa' l-materjal, filwaqt li t-tieni rata tapplika fejn il-konvenut jiehu hsieb kollox inkluz li jsib art alternattiva fejn jintefa' l-materjal. Meta pprepara l-kont, il-konvenut ghamel il-kalkoli tieghu fuq ir-rata ta' Lm2.80 (ara dokument a fol. 85) bl-eccezzjoni ta' dawk il-vjeggi li waddab fl-art tan-Nadur indikata mill-atturi. Mill-provi li semghet, il-Qorti hi moralment konvinta li r-rata pattwita kienet ta' Lm1.40 il-jarda kuba, u dan in kwantu l-atturi kienu ndikaw lill-konvenut site (fin-Nadur) fejn kellha tittiehed il-hamrija li titnehha mill-art fejn kellu jsir it-thammil. Il-Qorti m'hijiex konvinta li kien sar xi ftehim fis-sens li l-konvenut kellu jsib post alternattiv fejn jintefa' l-materjal li m'huwiex hamrija u li l-hlas kien ser ikun ta'

---

[2] *"L'azione dell'indebito non e' ammissibile quando il pagante nell'atto di pagamento sapeva che l'ammontare pagato non era affatto dovuto"* (Vol. XVIII.iii.146). Ara wkoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Carmelo Ellul sive Charles Ellul Sullivan nomine vs Il-Kontrollur tad-Dwana** deciza fid-9 ta' Gunju 2005.

Lm2.80 il-jarda kuba. Il-Qorti hi wkoll tal-fehma li x-xhieda moghtija minn Francis Bonello (seduta tal-11 ta' Lulju 2007 – fol. 63-64) tikkorabora l-verzjoni li tat l-attrici li r-rata pattwita kienet ta' Lm1.40 il-jarda kuba; *"nikkonferma li Mrs. Refalo semmietli r-rata ta' one pound forty (Lm1.40) kull jarda kuba ghal dawk il-parti li kienu se jidhlu fil-proprjeta' tieghi"* (fol. 64). Fil-fatt Francis Bonello kkonferma wkoll li hallas lill-attrici b'dik ir-rata. Anke l-perit Teddie Bussutil ikkonferma li meta staqsa lill-attrici x'kienet ir-rata li ftehemet mal-kuntrattur (fi zmien meta ma kienet ghadha tezisti l-ebda kwistjoni) *"… hi qaltli li ma Xuereb kienet ftehemet lira u erbghin centezmu (Lm1.40) il-jarda kuba, peress illi kienet provdiet sit hija stess fejn tintrema l-hamrija"* (fol. 40). Ghalkemm hu minnu li r-rata ta' Lm2.80 il-jarda kuba ssemmiet mill-konvenut waqt id-diskussjoni li kellu mal-attrici, b'daqshekk ma jfissirx li din kienet ir-rata pattwita. L-attrici stess ikkonferma li *"Jiena l-kuntrattur ghidtlu mill-ewwel illi s-sit kont ser nipprovdih jiena"* (fol. 66). Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-attrici tixhed (seduta tal-11 ta' Lulju 2007) u hi tal-fehma li l-verzjoni li tat tirrifletti l-ftehim li ghamlet mal-konvenut; *"Jiena l-inkarigu tieghi lill-kuntrattur kien wiehed car. Ghidltu biex il-materjal li jnehhi ppoggieh fis-sit alternattiv tan-Nadur. Il-kuntrattur lili qatt ma gie qalli illi l-materjal mhux tajjeb u li ma ridux is-sid u li kien se jiehu hiseb hu"* (fol. 66). Hu minnu li saret l-applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u kif rajna nhareg il-permess *"… biex inehhi l-hamrija mill-post fejn hemm il-hamrija li trid titnehha u titqieghed fil-post fejn il-hamrija trid titpogga, kif indikat fil-pjanta mehmuza, li qed tintuza ghal uzu agrikolu….. Il-Hamrija trid tigi uzata biss ghal uzu agrikolu u ortikultura u ma tistax tithallat bla ebda raguni, ma' trab jew materjal iehor ta' l-istess kwalita'"* (fol. 19). Min-naha tieghu l-konvenut qabad u minn jeddu beda jwaddab il-materjal f'art ohra f'Ghajnsielem minghajr m'gharraf lill-atturi. Il-konvenut isostni li ma setax ikompli jaghmel uzu mill-art tan-Nadur ghaliex il-materjal li kien qieghed jitnehha mill-art tal-atturi kien tafal u l-ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura kienu qalulu li f'dik l-art kellha tintefa biss hamrija. Mill-atti hu evidenti li l-atturi ma gewx infurmati li fis-17 ta' Ottubru 2005 id-Dipartiment tal-Agrikoltura hareg permess iehor (identiku ghal dak li

nhareg fis-16 ta' Settembru 2005) sabiex titnehha l-hamrija mill-art ta' l-applikant (l-attur Anthony Refalo) u titqieghed f'art f'Ghajnsielem, u l-arrangamenti kollha saru min-naha tal-konvenut. Pero' anke fil-permess moghti fis-17 ta' Ottubru 2005 hemm kundizzjoni li *"il-hamrija trid tigi uzata biss ghal uzu agrikolu u ortikultura u ma tistax tithallat bla ebda raguni, ma' trab jew materjal iehor ta' l-istess kwalita"* (fol. 17). Jinghad ukoll li l-permess hu ntestat ***"Permess Ghall-Garr tal-Hamrija"***. Il-konvenut xehed li *"jiena waqaft minn ta' Guzi Sultana minhabba ta' l-Agrikoltura u dan peress li huma qaluli li f'ta' Sultana kelli nitfa' hamrija u mhux tafal"* (fol. 79). Il-Qorti ma tifhimx kif il-materjal li tnehha ma kienx tajjeb biex jintefa' fl-art tan-Nadur (cjoe' dik li pprovdew l-atturi) izda kien tajjeb biex jintefa' fl-art ta' Ghajnsielem, gialadarba fiz-zewg kazijiet kien hemm permess mahrug mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li kien jaghmilha cara li hamrija kellha tintefa'. Anke jekk il-konvenut ma setax ikompli jitfa' materjal fl-art tan-Nadur ghaliex ma kienx fadal hamrija fil-proprjeta' ta' l-atturi, il-konvenut messu gharraf lill-atturi u wasal fi ftehim maghhom u mhux b'mod unilaterali biddel dak li kienu ftehemu l-partijiet. Il-konvenut argumenta (nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-7 ta' Jannar 2008) li *"l-izball jew ahjar il-kalkolu hazin li ghamlu l-atturi kien li huma qiesu li la darba huma kienu ipprovdew sit fejn kellu jintrema' l-materjal, dan kellu jintrema' kollu kemm hu f'dan is-sit irrispettivament mill-kwalita' tieghu u li konsegwentement ir-rata applikabbli ghat-tahmil kellha tkun ta' lira u erbghin centezmu (Lm1.40) il-jarda kuba"*. Fil-fehma tal-Qorti, l-izball ghamlu l-konvenut li qabad u biddel minn jeddu dak li kien ftehem mal-attrici u fl-ebda stadju m'gharraf lill-atturi b'dak li kien qieghed jaghmel. Mill-provi hu evidenti li anke fir-rigward ta' materjal li tnehha mill-art ta' Francis Bonello, l-attur qabad u minn jeddu hammel wisgha ta' sitt piedi (it-tul kollu tal-art) minflok iz-zewg piedi li kien ftehem mal-attrici. Il-konvenut stess ammetta li *"Lil Frances Refalo ghidtilha illi jiena ser nidhol iktar' 'l gewwa mill-proprjeta' taghha, ghidtilha 'se nidhol zewg piedi (2') 'il gewwa…....."* (fol. 80). Anke jekk ix-xoghol kien jitlob li jitnehha iktar materjal minn gewwa l-proprjeta' ta' Francis Bonello, il-konvenut messu l-ewwel gharraf u gab il-kunsens ta' l-attrici.

Inoltre, il-Qorti (li kellha l-opportunita li tisma' lil Michaelangelo Ciantar u lill-konvenut) m'hijiex konvinta li sabiex intefa' l-materjal fl-art ta' Ghajnsielem, sar xi hlas lil Ciantar. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li kien Ciantar li talab lill-konvenut sabiex il-materjal li kien hemm fl-ghalqa tal-atturi jehodulu f'ghalqa li ghandu f'Ghajnsielem (ara affidavit tal-konvenut fol. 55). Il-konvenut (waqt il-kontroezami[3]) xehed li lil Ciantar hallsu Lm25 ghal kull trukk materjal li tefa' fl-art ta' Ghajnsielem. Fl-affidavit tal-konvenut m'hemm l-ebda accenn ghal dan il-fatt. Hekk ukoll kien biss fil-kors tal-kontroezami (fol. 75-76) li Michaelangelo Ciantar semma li hu kien ircieva kumpens tal-materjal li ntefa' fl-art tieghu. Sahansitra, fil-kontroezami l-konvenut xehed li kien tefa' anke materjal f'barriera tieghu. Fatt li qatt ma accenna ghalih fl-affidavit (fol. 54-56). Mistoqsi biex jispjega ghalfejn dan il-fatt ma kienx semmieh fl-affidavit, wiegeb li *"…. Hassejt li m'ghandix ghalfejn insemmiha ghax kont qieghed nghid illi f'ta' Ciantar tfajt fejn hemm il-kwistjoni odjerna"* (fol. 80). Din in-nuqqas ta' konsistenza mhi konvincenti xejn. Dan apparti l-fatt li l-Qorti ma tifhimx l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut dwar il-fatt li ma komplix jitfa' materjal fl-art ta' Sultana (fin-Nadur), meta wiehed iqies li anke t-tieni permess (17 ta' Ottubru 2005) kellu kondizzjoni li fl-art ta' Ghajnsielem tintefa' hamrija biss. Jekk kif ighid ma tefax iktar materjal fl-art tan-Nadur ghaliex fiha kellu jitfa' biss hamrija tajba u mhux materjal iehor, l-istess ragunament kellu japplika fil-kaz ta' l-art ta' Ghajnsielem peress li kif rajna l-kondizzjoni fil-permess kienet identika. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura ma jirrizultax li oggezzjona dwar il-kwalita ta' materjal li kien tpogga fl-ghalqa ta' Ghajnsielem, minkejja li l-permess kien jipprovdi li hamrija kellha titpogga. Inoltre, mill-provi ma rrizultax li s-sid tal-art tan-Nadur ma kienx ried li jintefa' iktar materjal fl-art tieghu; *"…jien ma nafx fil-fatt ghalhekk li ghaddejt xi kummenti dwar il-kwalita' tal-materjal. Kien minn jeddu illi waqaf milli jgiebli l-materjal iktar. Jiena ma semmejtlux kemm il-vieg kellu jgiebli fuq il-post. Jien kont semmejtlu li rrid bizzejjed*

[3] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2007 – fol. 80.

*ghall-wicc biex inkun imhalltu ma' dak li diga' hemm. L-ghalqa tieghi fiha madwar tomna. Ghal dak li ridt jien zewg viegi ma kienux bizzejjed pero'* ***Xuereb waqaf minn jeddu milli jgiebli aktar materjal. Kieku kien hemm aktar kont niehdu****…."* (sottolinejar tal-Qorti - fol. 81).

Il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li parti mill-pagament li rcieva l-konvenut ma kienx dovut u dan meta kien jaf ben tajjeb x'kien il-ftehim li kellu ma' l-attrici, cjoe' rata ta' Lm1.40 il-jarda kuba. Dwar il-kejl li ttiehed minn Adeodato Mercieca[4] m'hemmx kontestazzjoni. Ghalhekk il-kont kellu jkun ta' elfejn mija u tmintax-il centezmu (Lm2,100.18)[5]. Dwar it-thammil zejjed li sar fl-art ta' Francis Bonello, mill-provi rrizulta li l-atturi rkupraw il-hlas minghand l-istess Bonello (fol. 64) u ghalhekk m'hemmx kwistjoni jekk ghandux isir hlas lill-konvenut ghal dan ix-xoghol ukoll. Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut li dan hu *"…. Iktar il-kaz li xi hadd mela ras Frances Refalo dwar l-ammont illi hija hallset u issa qed tipprova li ssib xi forma ta' gustifikazzjoni sabiex b'xi mod jitnaqqas dan l-ammont"*. Rajna kif l-attrici kienet pronta rriferiet ghand il-perit Teddie Busuttil sabiex jivverifika l-kont mahrug mill-konvenut.

## Il-Pagament sar bi zball

Il-Qorti hi wkoll konvinta li fil-mument li sar il-hlas l-attrici ma kienitx konsapevoli tal-fatt li l-kont kien ezagerat u hi stess iddikjarat li *"Jiena meta kont qed inhallas il-kuntrattur kont qed nifhem illi qeghdha nhallsu bir-rata ta' one pound forty cents (Lm1.40c)"* (fol. 67). Fl-affidavit taghha, l-attrici spjegat kif dakinhar li hallset *"… dan Xuereb kien gie il-Gozo Heritage, fejn nahdem jiena bhala gwida u tani l-kont. Jiena dak il-hin kont impenjata bix-xoghol u peress illi ridt nehles ghedtlu biex jistenna halli naghtih ic-cheque. Jiena fil-fatt ghamiltlu ic-check tas-somma li talabni, illi giet ezatt erbgha t'elef liri Maltin (Lm4,000) u telaq il-barra. Wara ftit minuti illi kont hallast*

[4] Elf mitejn u wiehed u sebghin jardi kubi (1,271.3).
5 Ekwivalenti ghal €4,892.12.

*il-kont, mohhi mill-ewwel beda iberren dwar kemm l-ammont kien gholi. Ovvjament ma kellix il-kejlijiet biex nara kif saru l-hlasijiet u ghalhekk mill-ewwel mort ghand il-perit tieghi fejn tlabtu biex jiccekjali l-kont. Meta iccekjali dan il-kont qalli illi dan kien mahdum bir-rata esagerata hafna kwazi b'rata id-doppja ta' li konna ftehmna"* (fol. 32). Verzjoni li m'hijiex kontradetta. Ghalkemm wiehed jistqarr li l-attrici setghet agixxiet b'iktar kawtela u qabel thallas tivverifika sew il-kont u fejn mehtieg titlob iktar informazzjoni, il-fatt jibqa' li l-Qorti hi sodisfatta li mill-provi jirrizulta li meta hallset u nghatat ir-ricevuta ma kienitx taf li l-kont kien esagerat jew li kienet qeghda tigi mitluba thallas bir-rata ta' Lm2.80 il-jarda kuba. Il-konvenut mar ifittixha fuq il-post tax-xoghol u wiehed jista' jifhem li dak il-hin l-attrici kienet impenjata u ma qaghaditx taghmel domandi jew titlob kjarifiki lill-konvenut. Inoltre, mill-provi rrizulta wkoll li meta ttiehed il-kejl l-attrici ma kienitx prezenti.

Mill-provi hu evidenti li kien biss wara l-hlas li l-attrici marret ghand il-perit Teddie Busuttil u talbitu jivverifika l-kont. Kien l-istess perit li qalilha li l-konvenut kien zammilha bir-rata ta' Lm2.80 il-jarda kuba. Il-verzjoni tal-attrici hi korraborata mill-istess perit li stqarr, *".... Francis Refalo giet fejni inkwetata u qaltli li kienet qieghda tara l-kont tat-tahmil xi daqxejn gholi u talbitni niccekjah. Hi qaltli li l-inkwiet taghha kien illi l-kont kienet hallsitu minn l-ewwel kif inghatala u kien wara li bdiet tahseb illi l-kont kien gholi, fis-sens illi hi giet mahsuda u hallset il-kont bla ma vverifikatu"* (fol. 40). Il-Qorti m'hijiex konvinta li in bazi tal-fatti processwali dan hu kaz fejn l-atturi kienu jafu bic-cirkostanzi li minhabba fihom ma kienux tenuti ghall-hlas. Dan m'huwiex kaz li l-attrici hallset dak li m'ghandix thallas **meta taf** illi ma kellix thallsu. Il-pagament sar fil-mument li l-attrici kellha opinjoni zbaljata li l-hlas li kienet qeghda taghmel kien jirrifletti l-ftehim li kellha mal-konvenut[6].

[6] Ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' April 1961 fil-kawza **Maria Grech vs Filippo Abela** (Vol. XLV.iii.782).

Il-konvenut isostni li *"….fl-istess kont mahrug mis-surveyor li gie anness ma' l-invoice, kopja taghhom pprezentati bhala Dokumenti KM6, kien hemm car daqs il-kristall li l-kont kien inhadem bir-rata ta' Lm2.80 (€6.52)"*[7] . Il-Qorti ma taqbilx in kwantu m'hijiex konvinta li mal-kont (fol. 46) kien hemm il-pjanta annessa (fol. 47) minn fejn jidher li r-rata li a bazi taghha l-konvenut ghamel il-kalkoli tieghu kienet ta' Lm2.80 il-jarda kuba. Dan qieghed jinghad mehud ukoll in konsiderazzjoni ta' dak li xehed il-perit Teddie Busuttil fis-sens li kien inkariga lil Adeodato Mercieca *"….sabiex dan ikejjel l-area u jikkuba l-hamrija u t-tafal illi gie skavat min hemmhekk.* ***Meta jiena ghamilt il-kontegg tieghi wara li sar dan il-kejl innutajt illi dan it-tahmil gie ikkalkulat bir-rata ta' zewg liri u tmenin centezmu (Lm2.80) il-jarda kuba****"* (fol. 40). Jekk verament kien hemm il-pjanta annessa mal-kont, ir-raguni tghidlek li l-attrici kienet ser taghtiha lill-perit Busuttil u minn dan id-dokument kien mill-ewwel jikkonferma li l-kalkoli saru bir-rata ta' Lm2.80 il-jarda kuba. F'kull kaz kienu x'kienu c-cirkostanzi, il-Qorti tibqa' moralment konvinta li fil-mument tal-hlas l-attrici ma kienitx taf li qeghda thallas bir-rata ta' Lm2.80, u li fir-rigward ta' Francis Bonello kienet qeghda thallas ghall-area ikbar minn dik li ftehemet mal-konvenut. Interessanti u flokha hi wkoll l-osservazzjoni li jaghmel l-awtur Laurent fuq l-izball; *"s'insegna che, dimostrato una volta che l'attore ha pagato cio' che non doveva,* ***si presume che abbia pagato per errore****; e di vero, si dice chi paga cio' che non deve getta il suo danaro, ammenoche' non abbia intenzione di fare una liberalita'; ma nessuno si presume che dona, quindi si deve supporre che colui il quale ha eseguito l'indebito pagamento lo ha fatto per errore. E da cio' si deduce la conseguenza che spetta al convenuto di provare che il pagamento gli e' stato fatto per spirito di liberalita', ovvero per altra causa"* (*Principii di Diritto Civile*, Volum XX, pagna 284). Wara kollox kif tajjeb gie osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[8] fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Ellul Sullivan nomine vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fit-3 ta' Ottubru 2007, *"L-azzjoni ta' hlas*

[7] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.
[8] Imhallef G. Valenzia.

*indebitu hija ntiza biex ma thalli lil hadd japprofitta ruhu minn zball li ha haddiehor u sabiex dik il-parti terga' tigi mqieghda fil-posizzjoni li kienet qabel ma hadet l-izball"*.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet tal-atturi pero' limitatament ghas-somma ta' erbat elef erbgha mija u hamsa u ghoxrin euro u sitta u tletin centezmu (€4,425.36) ekwivalenti ghall-elf tmien mija u disgha u disghajn lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,899.81).

Bl-imghax mid-data tal-hlas b'applikazzjoni ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 1023 tal-Kodici Civili (Kap. 16) in kwantu meta rcieva l-hlas kien jaf li l-hlas zejjed ma kienx dovut.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------